MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 1230/1997/1

**Avviz numru 1230/97DM**

**Joseph Cassar ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Cranes & Commercials Sales Ltd gia maghrufa bhala J. Cassar Commercial Plant Sales Limited**

**Vs**

**Sunny Muscat u b'digriet tat-2 ta' Dicembru, 1999, l-isem 'Sunny' gie mibdul fl-isem 'Sonny Raymond'**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur nomine talab il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm890.97), rappresentanti l-bilanc ta' diversi oggetti lilu mibjugha u kkunsenjati mill-attur nomine favur tal-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecceppixxa illi:

1. Fl-ewwel lok hu ma jismux Sunny izda Saviour sive Sonny Raymond Muscat;
2. Fit-tieni lok l-ammont pretiz huwa preskritt *ai termini* ta’ l-Artikoli 2148 (b)
3. Fit-tielet lok kif ser jigi pprovat fil-kawza, kwalunkwe oggetti li kien xtara minghand is-socjeta’ attrici huma mhallsa u sodisfatti;
4. Bla pregudizzju ghas-suespost *dato ma non concesso* li tali ammont jirreferi ghal *truck* li l-konvenut kien xtara minghand is-socjeta’ attrici dan ma kienx tal-kwalita’ pattwita kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza.
5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza taghha tat-30 ta’ Novembru, 2001;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell moghtija fit-28 ta’ April, 2004, fejn dik il-Qorti rrevokat u annullat is-sentenza tat-30 ta’ Novembru, 2001, u rrinvjat l-atti lura lil din il-Qorti ghall-konsiderazzjoni ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut appellat u dawk l-ohra li talvolta jigu sollevati minnu u ghad-decizjoni dwarhom u tal-mertu tat-talba ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Dicembru, 1999, il-konvenut irrinunzja ghall-ewwel (1) eccezzjoni minnu sollevata illi effettivament giet sorvolata ukoll bil-korrezzjoni awtorizzata fl-isem tal-konvenut u

ghaldaqstant il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni uletrjuri ta’ din l-ewwel (1) eccezzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, li tirrigwarda l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici a tenur ta’ l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili, billi dan l-Artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kreditur ghall-prezz ta’ merkanzija, oggetti u hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut jaqghu bil-preskrizzjoni f’gheluq ta’ tmintax-il xahar (18), u billi jirrizulta illi, apparti l-bejgh ta’ *truck,* in-negozju li sar bejn l-attur u l-konvenut kien sar f’perjodu ta’ bejn Ottubru, 1991, u l-10 ta’ Gunju, 1993, u billi dan l-istess negozju li kien jikkonsisti f’bejgh ta’ diversi *spareparts* jinkwadra ruhhu f’bejgh bl-imnut kif kontemplat mill-istess Artikolu 2148 B tal-Kodici Civili, u billi skadew iktar minn tmintax-il xahar (18) mid-data ta’ l-ahhar negozju sal-prezentata ta’ dan l-Avviz fis-16 ta’ Gunju, 1997, jirrizulta illi l-azzjoni giet preskritta sakemm ma tirrizultax xi nterruzzjoni bejn l-ahhar bejgh u l-prezentata ta’ l-Avviz odjern.

Jirrizulta mill-provi prodotti senjatament mill-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Awissu, 1994, illi l-bilanc dovut mill-konvenut lill-attur ghal dak li jirrigwarda l-prezz ta’ *spareparts* kien jammonta ghal tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm329).

Billi jirrizulta ukoll illi l-konvenut kien ghamel pagament ta’ tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320) akkont sat-23 ta’ Mejju, 1995, jirrizulta illi l-bilanc dovut bhala prezz ta’ dawn l-ispareparts kien jammonta ghas-somma ta’ disa’ liri Maltin (Lm9.00) biss.

Billi ghalhekk l-ahhar rikonoxximent ta’ dan il-kreditu da parti tal-konvenut, bil-pagament akkont illi huwa kien ghamel, kien fit-23 ta’ Mejju, 1995, jirrizulta li bejn din id-data u l-prezentata ta’ l-Avviz kienu lahqu ddekorrew it-tmintax-il xahar (18) kontemplati fl-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant tiddikjara illi sa fejn jirrigwarda s-somma ta’ disa’ liri Maltin (Lm9.00) bilanc li qed jippretendi l-attur

nomine u l-imghax li huwa jallega li ddekorra fuq dak il-prezz ta’ dawn l-oggetti li mbieghu bl-imnut, l-azzjoni hija preskritta u ghalhekk tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut f’dan ir-rigward u konsegwentement tichad it-talba attrici ghall-imsemmi bilanc ta LM9 u l-imghax pretiz fis-somma mitluba ta Lm81.978.

Ghal dak li jirrigwarda l-bejgh tat-*truck* li ghandu jitqies li huwa bejgh distint u separat mil-bejgh l-iehor, jirrizulta illi l-attur ghad-ghandu jiehu minghand il-konvenut somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) bhala bilanc mill-istess prezz.

Billi l-bejgh ta’ l-istess *truck* ma jistax jitqies illi huwa bejgh ta’ oggetti mobbli bl-imnut l-Artikolu 2148 B tal-Kodici Civili invokat mill-konvenut mhux applikabbli ghat-talba attrici fejn din tirrigwarda t-talba ghall-hlas ghas-somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800). Ghalhekk, fin-nuqqas ta’ ebda preskrizzjoni ohra eccepita mill-konvenut l-Qorti qieghda tichad it-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni fejn din tirrigwarda t-talba ta’ l-attur nominee ghall-hlas tal-bilanc ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) dovut lilu mill-prezz tat-*truck* mibjugh.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut kemm dik illi huwa jallega illi hallas dak kollu li kien dovut minnu u kemm l-ohra li tirrigwarda d-difett fil-bejgh tat-*truck* stante li dan ma kienx ghall-kwalita’ pattwita, il-provi jinkombu fuq il-konvenut.

Mill-istess provi prodotti mill-konvenut li jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni tieghu ma jirrizultax zgur illi huwa kien hallas il-bilanc fis-somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) li qed jitlob l-attur bhala parti mill-prezz tat-*truck*.

Infatti l-konvenut isosstni illi kien sar forma ta’ ftehim tacitu bejnu u l-attur li permezz tieghu l-attur kien irrinunzja ghall-bilanc dovut mill-prezz tat-*truck* billi rrikonoxxa illi dan it-*truck* kellu magna difettuza u jikkorobora din il-pretensjoni tieghu billi jirreferi ghall-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Awissu, 1994, dokument SM1. F’din l-ittra l-konvenut kien

interpellat mill-kumpanija attrici sabiex ihallas dak li l-atturi kienu qed jippretendu li ghandhom jiehu minn ghand il-konvenut, u huma naqsu illi jaghmel xi riferenza ghall-bilanc tal-prezz ta' t-*truck* li llum l-istess atturi qed jippretendu li ilu dovut sa mill-1991.

Il-konvenut ikompli jsosstni illi l-magna tat-*truck* tkissret xi sentejn wara illi kien inxtara, ghall-habta ta' April, 1993, u kien minn dakinhar illi huwa kien irrifjuta illi jhallas il-bilanc dovut lill-attur fuq dan it-*truck.* Inoltre jsostni illi l-attur nomine kien iprometta illi jissostitwilhu l-magna difettuza u illi, billi l-attur baqa' inadempjenti, huwa kien waqaf milli jaghmel xi pagament iehor akkont tal-prezz ta' dan it-*truck* u li l-attur kien akkwijixxenti f'dan.

Minn naha l-ohra Joseph Cassar ghan-nom tal-kumpanija attrici, fid-deposizzjoni tieghu jillimita ruhhu biex jghid illi lill-konvenut kien ifakkru fuq il-bilanc li ghadu dovut, u l-konvenut kien jipprometti li jmur ihallsu.

Minn dawn il-provi, tenut kont illi meta nbiegh it-*truck* il-kumpanija attrici ossija r-rapprezentant taghha ma kienx zamm registrazzjoni ta' dan it-*truck* fuq ismu u kien ippermetta illi r-registrazzjoni tghaddi mill-ewwel minn fuq isem is-sid precedenti ghal fuq isem tal-konvenut, jirrizulta illi l-kumpanija attrici ma kellha ebda garanzija biex tikkawtela l-kreditu taghha ghall-bilanc dovut mill-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti ssibha difficli li tasal ghall-konkluzjoni opposta ghal dak li jippretendi l-konvenut meta bl-ittra ufficjali li l-kumpanija attrici baghtet lill-konvenut fl-10 ta' Awissu, 1994, din ma ghamlet ebda referenza ghall-prezz tat-*truck* illi sa dakinhar jallegaw li kien ilu dovut ghal cirka tlett (3) snin.

Lanqas ma jirrizulta illi l-kumpanija attrici, mhallsa biss dak l-ammont li talbet l-ittra ufficjali, ma ghaddiet ghal xi azzjoni ohra gudizzjarja biex titlob il-kreditu taghha hlief ghal tlett (3) snin ohra bl-Avviz odjern.

Dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, ghandhom jitqiesu illi jikkorroboraw bizzejjed l-allegazzjoni tal-konvenut illi, ghal dak li jirrigwarda l-bilanc mill-prezz tat-*truck* fis-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800), meta kien avvera ruhhu xi difett fil-magna ta' l-istess *truck* kien effettivament sar ftehim tacitu bejn il-kontendenti permezz ta' liema fin-nuqqas ta' magna sostituttiva l-konvenut kien awtorizzat u ntitolat illi jzomm il-pagament tal-bilanc fis-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800).

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda ukoll tichad it-talba attrici fejn jirrigwarda t-talba taghha ghas-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) bhala bilanc mill-prezz tat-*truck* u konsegwentement qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------